**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 743/00**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Agius)**

**vs**

**Joseph Bonavia ta' 56 sena, iben Angelo**
**U Elena nee Cassar, imwieled Zejtun**
**fit-30/04/44 , u residenti 45, Triq San Gwann,**
**Zejtun, detentur tal-karta ta' l-identita'**
**numru 422944 (M).**

**Illum 17 ta' Mejju, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Joseph Bonavia li gie akkuzat talli nhar is-26 t'Ottubru, 2000 f'xi 3.00 p.m. mill-inhawi ta' l-ajruport internazzjonali ta' Malta gewwa l-Gudja, ikkommetta serq ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAG 193 ghamla Maruti ammontabbli ghal aktar minn Lm 1000 ghad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bl-ammont u bil-haga misruqa,

U talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi ma kienx awtorizzat li jittanta jnehhi, l-klampi li tqieghdu mar-roti ta' vettura bil-mutur bin-numru tar-registrazzjoni BAG-193 ghamla Maruti, jew li ttanta jnehhi jew nehha, vettura bil-mutur bil-klampi mqieghda mar-roti ta' l-istess vettura,

U akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwist b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat lil-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat,

Illi rrizulta ben car mill-provi prodotti li l-akkuzat Joseph Bonavia qala’ l-klampi li gew imwahhla mal-vettura tieghu.  Dan gie ampjament pruvat u mhux kontradett mid-difiza.

Illi saret referenza ampja mill-partijiet ghas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali per Imhallef V. Degaetano deciza fis-26 ta’ Awissu, 1998, fl-ismijiet Il-Pulizija v Anthony Borg Inguanez.  Din is-sentenza ghamlet distinzjoni bejn reati li jittrattaw vetturi klampjati u dawk rmunkati.

Il-Qorti ghalhekk se ticcita parti li tqis li tispjega dak li qalet il-Qorti ta’ l-Appell dwar il-punt in kwistjoni:

“Fil-kaz ghalhekk ta’ vettura ikklampjata dik il-vettura tkun giet b’effett tal-volonta’ cara tal-legislatur, imnehhija temporanjament mill-libera disponibilita’ tas-sid, fis-sens li qabel ma sid ihallas id-dritt jew drittijiet dovuti hu taht ebda cirkostanza ma jista’ jiehu lura dik il-vettura, Sakemm ma jithallas jew jithallsu dawk id-drittijiet, il-vettura ghandha titqies, ankorke’ temporanjament altrui ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi tas-serq, b’mod li jekk is-sid taghha jaqbad u johodha biex ikompli jgawdiha, hu jkun qed jikkommetti serq.”

Saljenti f’din id-decizjoni d-distinzjoni li l-Qorti ta’ l-Appell ghamlet bejn dak citat fir-regolametnt 3 u r-regolament 5 ta’ A/L 94/1997.

Rat li fit-trattazzjoni l-avukat difensur irregistra ammissjoni fuq it-tieni akkuza, u cioe dik sanata bl-Avviz Legali hawn imsemmi.

Ikkonsidrat ukoll li gustament kif premess mill-Avukat Difensur ma ngabet ebda prova tal-valur tal-vettura.

Ghaldaqstant rat l-artikoli 261(b)(g), 263, 264, 265, 266, 271, 278, 281, u 17 tal-Kap 9 u l-AL 24/1997 u ssibu hati tar-reati hemm ikkontemplati. Tilliberah pero' mir-reat ikkontemplat fl-artiklu 334 tal-Kap 9 in kwantu dan ir-reat hu assorbit fir-reat principali tas-serq.

Dwar il-piena rat il-fedina penali ta' l-akkuzat li hija ghal kollox netta, ghaldaqstant rat l-art 9 tal-Kap 152 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jahgmilx reat iehor fi zmien sena mil-llum.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL.D.